MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 482/2007

**Maltacom p.l.c. C22334 u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2007 l-isem tas-socjeta' attrici gie sostitwit bl-isem GO plc**

**Vs**

**Donald John Bonnici ID: 571074M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm259.32c) rapprezentanti tlett servizzi telefonici bin-numri 21387056, 21387058 u 21322018.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm259.32c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------